KUNSILL LOKALI - GHAXAQ - LOCAL COUNCIL
15, Vjal il-Labour, Ghaxaq; Tel: 21664888; Fax: 21665454
E-mail address: ghaxaq.lc@gov.mt

## Minuti tal-Laqgha Straordinarja tas-Sebgha (7) Kunsill Lokali Ghaxaq

Il-Kunsill Lokali ta' Hal Ghaxaq iltaqa' ghal Laqgha Straordinarja fl-Ufficini Amministrattivi tal-Kunsill nhar il-Hamis, 26 ta' Novembru 2015 fil-5:30pm.

**Preżenti.**

**IS-SINDKU DARREN ABELA**
**Il-VICI SINDKU EMANUEL VASSALLO**
**IL-KUNSILLIER KEITH FENECH**
**IL-KUNSILLIERA MARIANNE SCHEMBRI**

**IL-KUNSILLIERA ROSE AGIUS – SKUZATA**

**IS-SEGRETARJU EZEKUTTIV FIONA SAID**

Il-Laqgha Straordinarja tal-Kunsill inzammet b'din l-Agenda:

1. Ftuh u Aggudikazzjoni tal-Kwotazzjonijiet ghall-Installazzjoni ta' Dawl tal-Milied

**Bidu tal-Laqgha:**

Il-Laqgha infethet permezz ta' talba zghira mis-Sindku Darren Abela.

### 1. Ftuh u Aggudikazzjoni tal-Kwotazzjonijiet ghall-Installazzjoni ta' Dawl tal-Milied

1.1. Is-Segretarju Ezekuttiv fethet il-kaxxa tal-offerti mitfugha nhar l-Erbgha 25 ta' Novembru 2015 fil-prezenza tal-membri tal-Kunsill prezenti.

1.2. Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat li kien hemm tliet offerti mitfugha fejn anness ma wahda mill-offerti kien hemm ittra dettaljata li inqrat mis-Segretarju Ezekuttiv waqt il-laqgha tal-Kunsill.

1.3. Il-Kontenut tal-ittra mal-offerta tal-Ghaqda Muzikali Santa Marija kienet tikkonsisti li l-Ghaqda hasset li kellha titfa din l-offerta minhabba li kien hemm nuqqas ta' komunikazzjoni bejn iz-zewg Ghaqdiet izda kienet lesta li tirrevoka l-offerta taghha jekk l-offerta tal-Ghaqda Muzikali San Guzepp se ssir b'kollaborazzjoni mal-Ghaqda Muzikali Santa Marija bhal ma dejjem sar fi snin precedenti. Waqt il-laqgha tal-Kunsill kien ikkonfermat li l-Ghaqda Muzikali San Guzepp kienet se tahdem b'kollaborazzjoni ma l-Ghaqda Muzikali Santa Marija kif dejjem sar.

1.4 Ghaldaqstant is-Sindku Darren Abela ippropona li tinghazel l-ohros offerta bejn iz-zewg offerti l-ohra li gew mitfugha, dik tal-Ghaqda Muzikali San Guzepp ghall-prezz ta' €1180.

1.5 Il-Kunsill qabel unanimament li l-offerta ghat-Tizjin tal-Milied tinghata lill-Ghaqda Muzikali San Guzepp.

1.6 Is-Sindku Darren Abela xtaq jitkellem ukoll rigward Triq Garakol fejn wara li ltaqa' mar-rapprezentant tat-Transport Malta gie nfurmat li parti mill-budget taghhom jista' jmur biex titkompla Triq il-Milwa. F'kaz li dan il-budget ma jservix biex titlesta, qed jitolbu l-Kunsill jekk tistax titkompla. Il-Kunsill qabel unanimament li jaghmel ftehim ma Transport Malta biex jiffinanzja il-kumplament tat-triq.

1.7 Tressqet korrispondenza rigward stedina ghall-Konferenza li se ssir rigward il-Harsien tal-Annimali nhar is-Sibt 5 ta' Dicembru 2015. Minhabba impenji ohra hadd mill-Kunsilliera ma jista jattendi

Il-Laqgha Straordinarja ntemmet fit-6.45pm

Fiona Said
Segretarju Ezekuttiv

ikkonfermati
Darren Abela
Sindku